# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 45*

***5.30p.m 10 ta' Mejju 2022***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *46.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

46.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina talbet li jiġi skużata minħabba raġunijiet personali.

## *46.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

45.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 45. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *46.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

46.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm skema tar-Reġjun Nofsinhar fejn il-baned tal-lokal ser ikunu qed jibbenefikaw l-ammont ta' €1,300 kull wieħed u fejn €1,000 jintefqu fuq attivita' organizzata mill-għaqda filwqt li l-kumplament jintefqu għal xi ħaġa li ser tkun qed tgħin biex l-ambjent tal-lokal ikun aħjar.

## *46.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

46.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab sabiex il-Kunsilliera jingħataw rendikont ta' dak kollhu li ntefaq mill-bidu ta-sena l'hawn għall-attivitajiet relatati mall-Marsa bħala Belt Kulturali 2022. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jgħaddi d-dettalji kollha b'email lill-Kunsilliera kollha.

46.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li filwaqt li jixtieq jirringrazzja lill-Kunsillier is-Sur Colin Pace tax-xogħol volontarju tiegħu fit-tindif tal-lokal, hemm realta kbira ta' nuqqas t'indafa fil-lokalita'. Hemm toroq fl-akwata ta' Nerik Sacco fejn ilu gimgħat ma jidher kennies, u bins li qed idumu ħafna ma jiġu mbattlin. Huwa jemmen li l-ħlasijiet lejn il-kuntrattur għandhom ikunu sospiżi sakemm is-sitwazzjoni titjib. Il-Kunsillier talab ukoll sabiex din l-item dwar it-tender tal-knis tiġi mtella' f'item separata fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel li din it-tema terġa titla' fl-laqgħa oħra u ser ikun qed jitlob l-opinjoni tal-membri preżenti aktar tard fl-iskeda tal-pagamenti dwar jekk il-ħlasijiet ghandhomx ikunu miżmuma.

46.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li dwar il-kuntrattur tas-soft areas fejn ukoll hemm nuqqasijiet kbar speċjalment f'dak li huwa żbir f'Azzopardi Street, apparti it-tindif tal-konok li huwa

primarjament xogħol il-kuntrattur u mhux il-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikompli jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur sabiex jirrimedja fejn hemm in-nuqqasijiet, madankollu xtaq jispeċifika li l-ħaddiema tal-Kunsill qed jgħinu f'dak kollu li huwa maintenance sew tal-ġonna u soft areas.

46.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa dwar kif sar it-trasferiment tat-tender mill-kuntrattur tal-ġonna li kien hemm qabel jiġifieri Robert u issa għal-Redeemer. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi speċifika li l-kumpanija li biha qed jopera l-Kunsill hija l-istess waħda, kien hemm biss bidla fl-ownership taħa. Il-Kunsillier qal li kien japprezza jekk il-Kunsill kien ikun infurmat b'din il-bidla sabiex jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu. Apparti hekk huwa qal li l-ġonna tal-Kunsill m'humiex qed jidnaddfu biżżejjed filwaqt li l-Kunsill xorta qed jħallas il-flus għalihom. Huwa b'hekk talab li din ukoll titla' bħala item għaliha fl-aġenda li jmiss. Is-Sindku qabel ma din il-proposta li jkun hemm din l-item. Huwa qal ukoll li itella' l-item ukoll tal-ġbir tad-demel fil-korsa wara li l-gimgħa li għaddiet inħarġet l-ewwel default notice lill-WM Environmental.

46.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li fi Triq il-Jum hemm żewġ proġetti għaddejjin, dak tal-Housing Authority u l-ieħor tal-Pont li huwa proġett ta' Infrastructure Malta. F'dawn iż-żewġ proġetti hemm nuqqasijiet serji f'dak li jirrigwarda health and safety. Dwar il-proġett tal-Housing l-affarijiet tranġaw wara li ġie l-projects manager, filwaqt li dawk t'Infrastructure Malta l-affarijiet għadhom kif inhuma u qal li huwa informa l-Ministru u s-segretarjat tiegħu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li anke l-Kunsill intbgħatet email lill-kap eżekuttiv il-ġdid.

46.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa dwar il-kulvert li hemm fejn il-bus stop ta' Qormi Road fejn dejjem qed tkun miżduda u qed ifur l-ilma għal ġot-triq bil-konsegwenza li qed ikun hemm ħafna intejjen. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal l-ilma ġej mill-Ħamrun u għalhekk ser ikunu qed ninfurmaw lill-Kunsill Lokali tal-Ħamrun dwar dan.

46.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li l-bridge f'Aldo Moro, qiegħed bla wires u bix-xibka maqlugħa u hemm bżonn titranġa biex ma tkunx ta' periklu iżjed. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssuġġerixxa li l-Kunsill jitkellem mall-kumpanija FACES li peress li qed tieħu ħsieb l-maintenance tal-bus stops jieħdu ħsieb li l-pont jinżamm tajjeb. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta.

46.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li fi Triq il-Jum l-iskip tal-kumpanija Waste Collection Ltd għadu mimli u staqsa dwar bozza maqtugħa fi Triq it-Tiġrija. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar l-iskip ser nerġgħu ninfurmawħ għalkemm il-possibilita' hija li l-kuntrattur battal l-iskip il-ħażina. Dwar il-bozza ta' Triq it-Tiġrija, din hija ta' Transport Malta mhux tal-Kunsill.

46.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ressaq fuq il-mejda tal-kamra ittra bil-firem tar-residenti fi Triq San Piju ta' Pietralċina li dawn jixtiequ li jipparkjaw mall-bankina. Dan hekk kif qegħdin jaqalaq repetutament ċitazzjonijiet mill-Pulizija minħabba f'hekk. Huwa saħaq li fl-akwata hemm problema kbira ta' parking. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa importanti li naraw x'iridu r-residenti u nkellmu l-Transport Malta biex jiggwidawna. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa dwar il-possibilita' li titneħħa l-bankina. Il-Kunsillier Spencer qal ukoll li kien hemm wegħda tal-Ministru biex jitweħħlu cameras fl-akwata u anke li jsir il-parkeġġ fuq il-ġibjun, u dan huwa l-aħjar żmien biex dan isir. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma dan u fil-fatt ikkonferma li l-flus għall-cameras diġa qegħdin f'idejn il-Kunsill, apparti l-fatt li tkellem mall-Ministru Farrugia sabiex jagħti attenzjoni biex il-proġett tal-parkeġġ isir malajr kemm jista' jkun.

46.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa jekk ingħatawx bnadar tal-lokalita' tal-Marsa lill-għaqdiet. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li sa fejn jaf huwa l-għaqdiet għandhom bnadar tal-lokal imma jekk l-għaqda in kwistjoni tibgħatilna l-qisien inkunu nistgħu nieħdu ħsieb li ssir u ngħaddulhom il-bandiera tal-lokal.

46.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li avviċinawħ persuni li huma lesti joffru d-dawl u l-internet b'xejn sabiex b'xejn u jsiru cameras fi Triq Nerik Sacco. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li anke' għal din l-akwata l-Kunsill għandhu l-fondi lesti biex isiru l-cameras.

46.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia staqsa jekk tlestewx id-dettalji tal-attivita' tal-boat trip ta' Lulju. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-kwazi kollox lest, u fadal biex li jitqassmu l-flyers.

# *46.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

46.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 06/2022 annessa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi xtaq jiġbed għall-attenzjoni tal-Kunsill dwar tlett pagamenti, n-numru 29, 39 u 83. Is-Sindku spjega li dwar l-item 29 li huwa l-ħlas tal-kenniesa huwa qed jipproponi li jitnaqqsu l-ammont ta' €550 mill-pagament wara li matul ix-xahar ta' Mejju kien hemm nuqqas ta' disgħa kenniesa, li komplessivament jammontaw għal jumejn xogħol. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ma qabilx ma din il-proposta għall-fatt li s-servizz tal-knis kollhu kemm hu mhuwiex sodisfaċenti. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ukoll qabel ma dan għaliex anke meta qed jiġu l-kenniesa x-xogħol mhuwiex qed isir kif suppost. Is-Sindku talab biex jittieħed vot jekk għandhomx jitnaqqsu €550 jew jekk il-pagament għandhux jiġi sospiż. Il-Kunsillier s-Sur Francis Debono ressaq mozzjoni biex il-pagament jiġi sospiz, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda filwaqt li l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia vvutaw favur u s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi vvota kontra. B'hekk il-pagament tal-Waste Collection Ltd ser ikun sospiż.

46.5.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar item 39, dwar il-knis tad-demel mill-korsa, ser ikun qed jagħti aktar dettalji aktar il-quddiem, madankollu qed jissuġerixxi li l-kuntrattur jitħallas kollox. Finalment dwar item 83 dwar il-ġbir tad-demel, huwa għandhu provi cari li d-demel darba matul il-gimgħa l-oħra dan ma nġabarx u b'hekk ingħata default notice liema prezz marbut ma dan huwa ta' €200. B'hekk qed jissuġġerixxi li jinqataw dawn il-mitejn ewro ukoll. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *46.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

46.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Marija Reġina qed jistaqsu l-Kunsill sabiex isir reklam fuq il-Programm tal-Festa ta' Marija Reġina għall-prezz ta' €250. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## 46.7 Update – Attivitajiet Belt Kulturali Ġunju

46.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li għal matul ix-xahar ta' Ġunju ser ikun hemm attivita' b'għana Maltija li ser ikunu qed jieħdu ħsiebu l-Għaqda Festi Esterni Marija Reġina, nlkuż it-tqassim ta' posters. Minkejja l-Kunsill kellu mmarkati għal din l-attivita' €15,000, huwa kkalkulat li ser ikunu ser jintefqu €7,000. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur din l-attivita' kien unanimu.

## 46.8 Approvazzjoni ta' Part-Time Driver (Definite Contract)

46.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa lis-Segretarju Eżekkutiv jagħti dettalji tal-applikanti li applikaw għall-post ta' part-time driver (definite contract) biex isuq il-vann tal-Kunsill. Huwa qal li kien hemm total ta' tlett persuni li kienu eleġibbli li japplikaw fuq l-ewwel skema tal-Jobsplus. Dawn kienu s-Sur Jesmar Galea, s-Sur John Fenech u s-Sur Victor Grech. Is-Sur John Fenech ma kienx interessat li japplika b'hekk kif baqa' żewġ applikanti li minnhom il-bord ta' evalwazzjoni kellu jagħżel minnhom. Il-Bord t'evalwazzjoni kien kompost min tlett segretarji eżekkuttivi fosthom s-Sur Malcolm Agius, s-Sur Kurt Scerri u s-Sur Edward Spiteri Audibert. Il-kandidat li l-aktar kellu esperjenza fuuq xogħol simili kien is-Sur Victor Grech li għamel 40 sena jaħdem mall-Pulizija, 20 sena minnhom fil-mobile squad tal-Marsa/Ħamrun u l-kumplament fil-Parlament. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## 46.9 Dogs Park – Stimi tal-Perit

46.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq fuq il-mejda tal-kamra pjanti li għamel il-perit dwar il-park tal-klieb tal-lokalita'. Huwa spjega li jekk wieħed ineħħi t-toys mill-istimi u jnaqqas drastikament mill-materjal għal dan il-park xorta waħda il-prezz jibqa relativament għoli, ta' madwar €85,000. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li huwa jissuġġerixxi li l-perit jibda l-proċess biex japplika u toħroġ it-tender mingħajr bill of quantities biex tara x'joffri s-suq. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## 46.10 Monument Marija Reġina

46.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq fuq il-mejda tal-kamra pjanta tal-istatwa ta' Marija Reġina bid-dettalji ta' fejn din ser titqieħed. L-istatwa ser tkun qed tidher mill-Marsa Ħamrun Byepass u tkun qed tagħti dehra isbaħ min waħda mid-daħliet ewlenin tal-lokalita'. Apparti hekk is-Sindku spjega li hemm il-ħsieb li d-darwa ta' fejn ser titqiegħed l-istatwa titwessa' peress li hemm spazju biżżejjed. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *46.11 Update – Merchandise Belt Kulturali*

46.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ġabar diversi stimi ta' merchandise li jistgħu jiġu mqassma lir-residenti bil-logo tal-Marsa Belt Kulturali 2022. Wara diskussjoni fost dawk preżenti kien hemm qbil li jinxtraw elfejn biros bil-logo għall-prezz ta' €867.30 mingħajr VAT, kif ukoll 2000 basket tal-qoton għall-prezz ta' €3775.80 mingħajr VAT. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li vot favur kien unanimu.

## *46.12 Quarterly Financial Report Q1 2022*

46.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill Lokali tal-Marsa għall-ewwel tlett xhur tas-sena 2022. Hawnhekk rajna li matul dan il-perjodu l-Kunsill rreġistra surplus ta' €20,786 li huwa ferm aktar min dak mistenni. Apparti hekk l-indikatur ewlieni FSI tela' fl-livelli ta' 37% li huwa kwazi d-doppju ta' dak mistenni fil-budget annwali. Matul dan il-perjodu l-Kunsill irċieva total ta' €154,233 l-allokazzjoni finanzjarja tiegħu. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *46.13 Knis tal-Korsa*

46.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma l-dawk preżenti li matul dawn l-aħħar xhur huwa kien tassew iddiżappuntat bis-servizz ta' knis tal-kuntrattur li jiknes il-korsa u peress li l-Kunsill mżgħadux marbut ma tender huwa qed jipproponi li dak il-kuntrattur jiġi mwaqqaf sall-aħħar tax-xahr ta' Ġunju u wara jibda kuntrattur ieħor, bħal per eżempju l-kumpanija RBT. Wara diskussjoni fost dawk preżenti, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *46.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

46.14.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.05pm u ġiet aġġornata għas-14 ta' Lulju fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |